**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 33 – IT-TNEJN, 5 TA' MARZU 2012 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Preżenti | |
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku (6.10pm) |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzat | Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 32**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti.

1.2 Is-Sur Antoine Mifsud Bonnici ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 59**

2.1 Is-Sur Antoine Mifsud Bonnici ppropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Aġġudikazzjoni SGNLC/T/02/12 - *Parks and Gardens***

3.1 Inqara r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Saret diskussjoni rigward dan ir-rapport. Ġie deċiż li d-deċiżjoni tittieħed laqgħa li jmiss.

**4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Saret diskussjoni rigward il-problema li hemm ta' parkeġġ illegali u *littering* fi Triq is-Santwarju. Ġie deċiż li ssir talba lir-reġjun ċentrali biex issir ronda mill-*warden* u jingħataw *warnings*.

4.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-applikazjoni tal-PPP biex isir wiċċ ġdida fi Triq Bellavista ġiet irtirata mid-dipartiment minħabba li l-Kunsill iddikjara li m'għandux fondi biżżejjed biex isir dan il-proġett.

4.3 Il-Kunsill ġie infurmat li ser issir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill rigward l-applikazzjoni tal-mitħna ta' taħt l-art.

4.4 Ġie deċiż li ssir il-laqgħa annwali tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 11 ta' April 2012.

4.5 Ġie deċiż li ssir it-tiswija neċessarji biex jissewwa t-tapit tal-*play area* fi Ġnien Karin Grech.

4.6 Il-Kunsill ġie infurmat li l-poloz tat-*Tournament Mediterranean Cup* ser isiru fit-13 ta' Marzu fil-Kunsill. Kullħadd huwa mistieden. Id-data tal-ftuħ ser tkun is-Sibt 31 ta' Marzu.

4.7 Ġie deċiż li tinxtara l-vettura magħżula f'*tender SGNLC/T/05/12* wara li din ġiet iċċekjata mill-*mechanic*.

4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex jiġu trasferiti 48 sigħat *leave* minn 2011 għal 2012. Kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun bil-*leave* mid-19 ta' Lulju sat-3 ta' Awwissu.

4.9 Inqrat l-ittra li intbagħtet lil Transport Malta mingħand l-Avukat Manuel Mallia rigward talba għal *residents parking* fi Triq it-Tulipan. Il-Kunsill ma' ħa l-ebda pożizzjoni u se jistenna biex jara r-reazjoni ta' Transport Malta.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa (7.45pm)

**5 Affarjiet Oħra**

5.1 Saret diskussjoni biex is-*sleeping policeman* tal-*plastic* li hemm fil-*garage* jinbiegħ lill-Kunsill ieħor la mhux ser jintuża. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet dan, is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 5 favur, 1 kontra u 1 astensjoni.

5.2 Saret diskussjoni rigward il-korsijiet tat-*TCTC*, *e-lifestyles* u *i-kids*. Ġie deċiż li *e-lifestyles* jistgħu jsiru minħabba li m'hemmx ħlas. Għal *i-kids* għandha ssir *query* tal-ispejjeż.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa.

5.3 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponijiet li l-*laptop* tal-Kunsill jintbagħat lill-pulizija biex issir investigazzjoni jekk kienx hemm xi użu illegali. Is-Sur Antoine Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 5 favur (Neville Mallia, David Dalli, Antoine Mifsud Bonnici, Joan Farrugia u Marica Bayliss) u 1 astensjoni (Violet Bajada).

5.4 Is-Sinjura Violet Bajada talbet biex isir id-dawl fiż-*zebra crossing* fi Triq is-Santwarju. Kien hemm qbil unanimu.

5.5 Is-Sur Antoine Mifsud Bonnici talab biex l-i*skips* tar-reċiklaċċ li hemm fi Pjazza Lourdes, jerġgħu jiċċaqalqu kif kienu qabel. Kien hemm qbil unanimu.

5.6 Is-Sur Neville Mallia ppropona li ssir *zebra crossing* fil-parti ta' fuq ta' Triq Bella Vista. Is-Sur Antoine Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu li ssir it-talba mingħajr is-servizz tal-Perit tal-Kunsill.

5.7 Is-Sur Neville Mallia ppropona li jsir il-*managed parking* fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar. Kien hemm qbil unanimu.

5.8 Is-Sur Neville Mallia ppropona li jsir *residents parking* fil-parti ta‘ fuq ta‘ Triq Bernardette minħabba li hemm hafna garaxxijiet kummerċjali fil-viċinanza. Ma kienx hemm sekondat.

5.9 Is-Sur David Dalli ppropona li ssir talba lil *Transport Malta* biex isir *traffic management* aħjar fi Triq in-Naxxar bejn il-BOV u l-għassa tal-pulizija minħabba li qed ikun hemm problema ta‘ traffiku. Kien hemm qbil unanimu.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn,12 ta’ Marzu 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |